**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 21/IX/2026**

**Il-Ġimgħa, 19 ta'Ġunju, 2026 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier (segwa onlajn)
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużata:**
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**21.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**21.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

21.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membru skużat.

**21.3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

21.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 20 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

21.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

21.3.3 Il-minuti ġew approvati.

**21.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.4.1 Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni tal-offerta VLC04/2026 – *Tender for the services of a handy man for the locality of Victoria*. Kien hemm offerent wieħed, Savio Bugeja u l-bord irrakkomanda sabiex dan jieħu l-offerta, peress li d-dettalji u d-dokumenti li ssottometta kienu konformi mar-rekwiżiti neċessarji mitluba fit-tender. Il-membri qablu li l-offerta tingħata lilu.

21.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri bl-attivitajiet li saru u qed isiru f'dan iż-żmien, fosthom:-

i) il-musical 'Kulħadd Riedha Imma Baqgħet Tagħna / Victoria Uncovered' li sar fl-Oratorju Don Bosco u ffinanzjat mil-iskema tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali,
ii) l-Aurora International Folk Festival li ser isir fl-aħħar ta' Ġunju,
iii) il-Victoria International Arts Festival li beda f'nofs Ġunju,
iv) u t-tour organizzat mill-Kunsill fl-Italja, Slovenja u l-Awstrija li ser isir bejn it-2 u d-9 ta' Lulju.

21.4.3 Rigward Jum il-Belt Victoria, is-Sindku qal li ċ-ċerimonja kienet waħda sabiħa u qal li r-*reception* ta' wara trid tkun organizzata aħjar. Il-membri qablu. Is-sena d-dieħla il-Kunsill jiċċelebra l-140 sena minn meta r-Rabat ingħata t-titlu ta' Belt.

21.4.4 Dwar iż-żjara li saret f'Mejju minn delegazzjoni minn Jerez de la Frontera, l-attivitajiet marru sew fosthom il-lejla tal-gastronomija li saret fil-Batterija taċ-Ċittadella u ġiet iffinanzjata minn Reġjun Għawdex u anke' s-serata li saret fil-kwartieri ġenerali tal-Victoria Scout Group. Is-Sindku rringrazja b'mod partikulari lill-kunsillier Tabone talli akkumpanja din id-delegazzjoni matul il-ġranet li kienu f'pajjiżna.

21.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu diskussjonijiet mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-problema ta' rimi ta' skart fi Triq Ġużeppi Spiteri. Ser isiru CCTV cameras għas-spejjeż tal-Ministeru għal Għawdex.

21.4.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jiġu rilokati ż-żewġ parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita' li hemm fi Triq Repubblika minn salib it-toroq 'l fuq. Dan sabiex ma jkunx hemm problema meta jintrama l-armar tal-festi u hekk dawn il-parkeġġi jkunu jistgħu jibqgħu jintużaw.

## 21.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

21.5.1 Reġjun Għawdex rigward – Home – Start Gozo sessjoni t'informazzjoni mill-FSWS Għawdex;

21.5.2 l-Assoċċjazzjoni għal Kunsilli Lokali rigward:-

i) Cir AKL 2026/035– Call for evidence for the 2026 Annual Report on the State of Regions and Cities;
ii) Cir AKL 2026/039 – Sessjoni ġewwa l-Esplora;
iii) Cir AKL 2026/014 – ALDA International School for Local Democracy 2026;
iv) Cir AKL 2026/044 – Kampanja Blue Heart 2026 – Jum Dinji Kontra t-Traffikar tal-Persuni.

21.5.3 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward opportunita ta' partnership għal URBACT call for Action Networks;

21.5.4 Reġjun Għawdex rigward il-proġett tal-URBACT – FOOD-LINK. Il-Kunsill qabel ma dan il-proġett;

21.5.4 l-ERA rigward konsultazzjoni pubblika - Malta's National Air Pollution Control Programme (NSPCP);

21.5.5 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward EC/00068/26 fejn sar avviż ta' infurzar;

21.5.5 il-Qorti t'Għawdex fejn inkitbet ittra li turi inċident li ġarbet anzjana residenta fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar li waqgħet quddiem id-dar tagħha. Qed titlob li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tad-danni għax qed tallega li żelqet għax il-madum jiżloq. L-avukat tal-Kunsill irrispondiet din l-ittra;

21.5.6 il-kunsillier Schembri rigward boroż tal-iskart li ma nġabrux fi Triq Enriko Mizzi. Ir-ritratt intbagħat lid-Direttur tal-Indafa Pubblika u anke' lil Reġjun Għawdex. Minn naħa tal-KIP insistew li dan ma kienx skart domestiku. Il-Sindku ressaq dan ir-ritratt sabiex juri li l-problema tal-iskart qed dejjem tiżdied u jridu jinstabu soluzzjonijiet mil-entitajiet nazzjonali speċjalment mill-ERA;

21.5.7 Carmel Zammit, li rringrazja l-Kunsill talli waqt iċ-ċelebrazzjni ta' Jum il-Belt Victoria, ġie onorat bir-rikonoxximent għal xogħlu fil-volontarjat;

21.5.8 Maria Schembri, li rringrazjat l-Kunsill talli waqt iċ-ċelebrazzjni ta' Jum il-Belt Victoria, ġiet onorata bir-rikonoxximent fil-qasam tad-drama;

21.5.9 oħt Anton F. Attard fejn talbet li t-triq il-ġdida fi Triq l-Ewropa tissemma għalih, dan peress li l-art kienet storikament tal-familja. Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni pero' mill-Awtorita' tal-Artijiet jirriżulta li din it-triq għadha mhix irreġistrata;

21.5.10 Creative Europe Desk Malta rigward sottomissjonijiet għas-Simone Veil Prize;

21.5.11 Malta Street Sports Alliance (MSSA) rigward Take it to the Streets Event fir-Rabat, Għawdex;

21.5.12 l-Awtorita' tal-Ippjanar (DPF) rigward il-proġett LCF/16/2020 tat-tibdil tal-fanali antiki fiċ-ċentru tar-Rabat u Pjazza San Ġorġ. Il-kuntrattur talabhom sabiex iħaffu biex iħallsu li baqa fuq dan il-proġett. Il-PA irrispondietu li hu mportanti li jinnota li d-dewmien sar minħabba li kien hemm ksur minn naħa tiegħu fuq il-kuntratt u li xorta tħallas ammont sostanzjali mis-somma finali. Barra minn hekk fuq il-bqija tal-bilanċ, l-PA hi obligata biss tiddiskuti mal-Kunsill Lokali.

**21.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

21.6.1 Transport Malta (TM) talbet il-kummenti fuq żewġ applikazzjonijiet għall-parkeġġ riservat personalizzat, wieħed qrib 17, 'Ta'Maria' fi Triq id-Dejqa u l-ieħor quddiem Blokk N, Bieb B, Flat 2 taċ-Ċawla.

21.6.2 TM ħarġet permess għall-1.5m Keep Clear Bay permanenti quddiem 51/52 Triq taħt Putirjal.

21.6.3 Mill-Community Police infurmaw lill-Kunsill li twaħħal avviż ta' tneħħija fuq vettura abbandunata bin-numru BBQ865. Is-sid għarrafhom li ser ineħħija.

21.6.4 Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-TM li la x-xogħol quddiem il-kunvent tal-Kapuċċini lest ikun jagħmel sens li l-vetturi għal Marsalforn jibqgħu neżlin minn Triq Kapuċċini u mhux jgħaddu mid-dawra twila lejn Triq il-Belliegħa u lejn Triq Patri Ġiaċintu Camenzuli.

**21.7 Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura 2031**

21.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ARC qed taħdem fuq l-istrateġija kulturali għar-Rabat u li ser titniehda x-xahar id-dieħel.

21.7.2 Minn naħa tat-tim artistiku tal-Fondazzjoni Victoria31Għawdex, bil-kollaborazzjoni ta' Island Connect Network, nehdiet open call – L-Imbierka Għira (The Blessed Island) li hu programm internazzjonali għal artisti lokali li huma bbażati Għawdex.

21.7.3 Il-Kunsill ta' Las Palmas de Gran Canaria fi Spanja li huma wkoll kandidati għall-Belt Kulturali Ewropea 2031. Rapreżentanza, fosthom is-Sindku tal-Belt ser iżuru Għawdex bejn it-12 u l-14 ta' Lulju, 2026. Il-membi qablu li jiġi organizzat progamm żgħir fejn l-ispanjoli jiġu murija l-isbaħ li għandna fil-Belt Għawdxija u f'Għawdex. Il-Kunsill uffiċjalment ser

jiltaqa ma' din id-delegazzjoni fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2026 filgħodu.

## 21.8 Tnehdija – Victoria Cultural Strategy

21.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bejn l-10 u t-13 ta' Lulju, 2026, ser issir konferenza stampa fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fejn ser tiġi mnehdija l-istrateġija kulturali tar-Rabat. Ġew mistiedna l-Ministru għal Għawdex u anke' l-Ministru għall-Gvern Lokali u Xogħolijiet Pubbliċi. Tenna li l-Kunsilliera għandhom jattendu għal din it-tnehdija.

## 21.9 Riġenerazzjoni – Ġnien Qasam San Ġorġ

21.9.1 Dwar il-proġett li ser isir fil-ġnien ta' Qasam San Ġorġ u li se jkun iffinanzjat mill-fondi tal-LESA, is-Sindku qal li saret laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur u l-Perit sabiex jiġu finalizzati d-dettalji. Kemm issir il-garanzija bankarja mill-kuntrattur u jkun jista' jinbeda x-xogħol.

## 21.10 Playing Field

21.10.1 Is-Sindku qal li tkomplew il-laqgħat ta' kull xahar mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-proġett tal-*playing field*. Tqajmet diffikulta fejn l-ERA rrimarkat li mhux ser ikun hemm ħdura biżżejjed. Il-Kunsill ma jaqbilx li jitnaqqas il-*playing field equipment* pero', kif spjega sew fid-dettall il-Perit Scerri, il-ħdura hi proġettata li tiżdied. Minn naħa tas-Segretarju Permananeti qal li ser jerġgħu jiltaqgħu mal-ERA sabiex jiġi spjegat eżatt il-*greenery* kif inhu pjanat li jiżdied sostanzjalment minn dak preżenti.

## 21.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

21.11.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Ġunju 2026, skont dokument A anness.

## 21.12 Xogħolijiet oħra

21.12.1.1 Tqajjem punt rigward tabella li kienet turi *no parking* matul il-ġurnata f'*parking bay* li tinsab fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar. Din it-tabella m'għadiex fil-post. Sidien tal-ħwienet f'din it-triq qed jinsistu li t-tabella terġa teħel, minħabba li qed jinħoloq inkonvenjent meta jkun hemm vettura pparkjata u tkun trid toħroġ waqt li huma jkollhom il-merċa barra fit-triq. Il-membri qablu li ma jgħamilx sens li ma jsirx parkeġġ biex tal-ħwienet jarmaw il-merċa barra. Allura sar qbil li l-parkeġġ jibqa kif inhu.

21.12.2 Il-membri qablu li jiġi organizzat kunċert bil-parteċipazzjoni tal-kantanti Mario Caruana u Maria Aquilina Caruana fi Triq Santa Marija, bil-kollaborazzjoni ta' JP2 Foundation, nhar il-31 ta' Lulju, 2026. M'għandhomx jinqabżu €300 fi spejjeż. Waqt il-kunċert ser issir ġabra għall-missjoni fit-Tanżanija.

21.12.3 Il-membri qablu li terġa teħel *traffic mirror* fit-Telgħa ta' Majru peress li dik preċedenti inkisret.

21.12.4 Il-membri qablu li jiġġedded il-kuntratt *full-time* tal-impjegata Spiteri. Il-paga ta' Spiteri titħallas mill-iskema CIES mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, liema Diviżjoni ser tiġi nfurmata b'dan.

**21.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 29 ta' Lulju, 2026.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv